- *KOLLIZZJONI* –

*- SORPASS-*

*- MAKING A RIGHT TURN -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 16**
**Citazzjoni Numru: 611/96/RCP**

**Sandra Bartolo.**

**vs**

**Joseph Farrugia.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-23 ta' Jannar 1996, l-attrici kienet qed isuq karozza Toyota Starlet numru D-6725 minn Valletta Road, Mqabba

fid-direzzjoni ta' Hal Kirkop fuq in-naha taghha tat-triq u b'velocita' moderata;

Illi f'hin minnhom, l-attrici irrallentat il-vettura taghha u stante li kellha intenzjoni li tikser lejn il-lemin taghha biex tidhol fl-istabbiliment ta' "Agius Marbel Works" xeghlet l-*indicator* tal-lemin tal-vettura taghha;

Illi peress li waqt li l-attrici kienet ser tikser, gie mutur numru P-1460 misjuq mill-konvenut minn wara l-vettura taghha, habat go l-istess vettura fuq in-naha tal-lemin u kkagunalha hsarat;

Illi dan l-incident awtomobilistiku gara tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;

Illi l-attrici sofriet danni fis-somma ta' Lm407.82 (erba' mija u seba' liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu) kif jidher mill-anness dokument markat Dok. "A";

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi li gara fit-23 ta' Jannar 1996 f"Valletta Road, Imqabba.

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fis-somma ta' Lm407.82.

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-2 ta' Frar 1996, bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni u bl-imghax legali.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10 tal-process fejn ecceppixxa:-

(1) Illi l-eccipjenti ma huwiex responsabbli ghall-incident u wisq inqas ghad-danni kkagunati minnu; anzi ghall-istess incident hi unikament responsabbli l-attrici u f'dan ir-rigward l-eccipjenti jirrizerva li jirreklama d-danni proprji.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 10 tal-process fejn l-istess konvenut sostna li l-incident gara peress li meta kien ghaddej mill-istess triq, l-attrici kienet qed isuq fuq in-naha ta' gewwa fejn hemm is-sigar meta waqt li l-istess konvenut kien qed jissorpassa lill-attrici din qabdet u ttraversat it-triq u b'hekk grat il-habta, u fil-fatt sostna li oggezzjona mal-

awtoritajiet tal-pulizja stante li l-iskizz ma kienx preciz ghaliex ma juriex sewwa t-topografija tat-triq.

Rat il-verbali tal-1 ta' Ottubru 1996, 21 ta' Novembru 1996, u 24 ta' Frar 1997 fejn il-Qorti nnominat bhala espert tat-traffiku lil Dr. Joseph Zammit Mckeon u ddifferiet il-kawza ghar-relazzjoni ghat-2 ta' Gunju 1997.

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta' Gunju 1997, 27 ta' Ottubru 1997, 16 ta' Jannar 1998, 20 ta' April 1998, 12 ta' Ottubru 1998, 22 ta' Marzu 1999, 18 ta' Gunju 1999, 26 ta' Jannar 2000, 5 ta' April 2000, 9 ta' Gunju 2000, 21 ta' Novembru 2000, 6 ta' Frar 2001, 25 ta' April 2001, 5 ta' Gunju 2001, fejn il-kawza dejjem giet differita ghall-presentata tar-rapport.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju 2001 fejn ir-rapport gie mahluf mill-perit legali Dr. Joseph Zammit Mckeon u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2001, bil-fakolta' lill-konvenut jippresenta nota ta' kritika/osservazzjonijiet fi zmien tlettin (30) gurnata bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha tlettin (30) gurnata biex tirrispondi.

Rat ir-relazzjoni peritali a fol. 80 sa 97 tal-process ppresentata fil-5 ta' Gunju 2001 u mahlufa fil-11 ta' Lulju 2001.

Rat d-dokumenti kollha u x-xhieda kollha moghtija quddiem l-istess perit legali minn fol. 40 sa fol. 78 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut tat-3 ta' Settembru 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) RESPONSABILITA' TAL-INCIDENT.

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li gara fit-23 ta' Jannar 1996, fejn l-attrici qed tallega li kienet qed isuq karozza Toyota Starlet numru D – 6725 minn Valletta Road, Mqabba fid-direzzjoni ta' Hal Kirkop fuq in-naha taghha tat-triq u b'velocita' moderata, u f'hin minnhom, l-attrici irrallentat il-vettura taghha u stante li kellha intenzjoni li tikser lejn il-lemin taghha biex tidhol fl-istabbiliment ta' "Agius Marbel Works" xeghlet l-*indicator* tal-lemin tal-vettura taghha, u li waqt li l-attrici kienet ser tikser, gie mutur numru P – 1460 misjuq mill-konvenut minn wara l-vettura taghha, habat go l-istess vettura fuq in-naha tal-lemin u kkagunalha hsarat; illi fil-fatt l-istess attrici qed issostni li dan l-incident awtomobilistiku gara tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u

nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu, u ghalhekk qed titlob li tithallas minghand il-konvenut l-allegati danni li hija tikkontendi li sofriet danni fis-somma ta' Lm407.82 (erba' mija u seba' liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu) kif jidher, skond hi, mid-dokument anness mac-citazzjoni attrici mmarkat bhala Dok. "A";

Illi min-naha tieghu l-istess konvenut ma jaqbilx mal-istess ghaliex huwa sostna li l-incident gara minhabba li l-attrici li kienet fl-*inner lane* fl-istess triq kisret f'daqqa u ttraversat it-triq meta huwa kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li z-zewg vetturi kienu mexjin lejn id-direzzjoni ta' Hal Kirkop lejn il-fabbrika tal-S.G.S. u kienet ghaddeja min-nofs tal-*lane* taghha, u l-attrici riedet iddur fuq il-lemin taghha sabiex tmur lejn il-fabbrika ta' Agius Marble Works fuq in-naha l-ohra tat-triq; xeghlet l-*indicator* harset lejn id-direzzjoni opposta sabiex tara li ma kienx hemm traffiku gej mill-faccata, waqfet, u meta hasset li kollox kien *clear* bdiet taqsam it-triq, u appena ghamlet dan grat il-kollizzjoni ghaliex il-mutur misjuq mill-konvenut li kien qed jaghmel sorpass baqa' diehel fil-karozza tal-attrici u l-karozza spiccat kif indikat fl-iskizz.

Illi dwar l-istess triq din hija maqsuma b'*continuous white line* hlief ghall-parti fejn hemm id-dhul ghall-fabbrika *Agius Marble Works* fejn tali linja hija maqtugha.

Illi r-regoli li jirregolaw ksur lejn il-lemin huma dawk indikati mir-**regolament 85 tal-Highway Code** li jipprovdi li:-

*"Well before you turn at junctions or intersections take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and when safe to do so take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn".*

*"On turning at a junction look right, then left and right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so.*

Illi skond il-**Gibb** - ***"Trial of Motor Car Accident Cases"*** jinghad ukoll li:-

*"A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle…..making it impossible for the driver of the rear car to avoid a collision….The cut of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care".*(p.85).

Illi l-istess awtur ikompli jghid li:-

*"It is not enough to sound the horn or give some either signal; it is also nesessary that such warning be given at the proper time and place". The signal should be given so that it will serve its purpose".*

Illi l-istess issostni l-awtur **Wilkinson** fil-ktieb tieghu ***"Road Traffic Offences"*** meta jsostni li *"the driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can that they have been understood".*

Illi konformament mal-istess gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna inkluz fis-sentenza **"Il-Pulizija vs F. Schembri".** (A.K.26 ta' Gunju 1968) li:

*"Min johrog l-indicator, ikun qed jaghti, kif huwa obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu, imma ma jistax, sempliciment ghax hareg l-indiactor, jaghmel li jrid, jikser il-priorita' li jaghtu r-regolamenti u jaqleb ir-rule of the road favur tieghu". "Is-sinjal ghall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq, izda mhux bizzejjed biex jkun jista' jaqsam".*

Illi min-naha l-ohra min ikun qed jaghmel manuvra ta' sorpass ghandu jaghmel dan b'sigurezza, u dan sal-punt li meta jigi osservat li l-*overtaking* ikun perikoluz skond *driver* prudenti li dejjem jista' jipprevedi li l-vettura li jkun qed jaqla' tista' tbiddel ir-rotta, is-sewwieq ghandu dejjem jevita li jaghmel l-istess sorpass. **("Il-Pulizija vs Manwel**

**Mallia”** - XLIII.1001; **“Il-Pulizija vs John Ripard”** - XXXVI.749; **“Il-Pulizija vs S.A.C.J.Agius”).**

Illi fuq is-suggett ta’ sorpass huwa principju generali indikat fil-paragrafu 71 tal-*Highway Code* li:-

*“Never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself and to others. Be specially careful at dusk and in mist, when it is more difficult to judge speed and distance”.*

Illi bhala regola ghandha tigi segwita wkoll il-manuvra indikata f’paragrafu 73 tal-istess *Highway Code* li tghid:-

*“Before overtaking, give the appropriate signal, keep at a safe but not excessive distance from the vehicle being overtaken on return to the appropriate lane or side of the road as soon as practicable after overtaking. Do not cut in sharply infront of the vehicle you have just overtaken”.*

Illi fl-ahharnett ghal dak li huwa relevanti ghall-kaz in kwistjoni insibu wkoll li l-paragrafu 74 jipprovdi li:-

*“DO NOT OVERTAKE at or when approaching:*

*(i) a pedestrian crossing;*
*(ii) a road junction;*
*(iii) a sharp corner or bend;*
*(iv) the brow of a hill;*
*(v) a hidden dip.”*

Illi abbazi ta' dan intqal fis-sentenza **"Hugh Zammit nomine vs Keith Farrugia"** (P.A. RCP. 28 ta' Gunju 2001) li *"minn dawn ir-regoli jidher li meta wiehed jaghmel sorpass dan ghandu jiehu r-responsabilita' tal-istess manuvra tieghu, u dan ifisser li persuna ragonevoli ghandha tiddesisti milli taghmel l-istess manuvra meta din tkun tista' jew ser tikkawza perikolu lill-istess sewwieq u lill-utenti l-ohra tal-istess triq, tant li f'certu cirkostanzi fuq elenkati fil-Highway Code, u kkonfermati fil-gurisprudenza nostrali, huwa imprudenti li tigi ttentata l-istess manuvra.* ***"Atlas Insurance Agency Limited vs Brian Cilia" -*** *P.A. (RCP) 16 ta' Jannar 2001). Fil-fatt f'kaz ta' dubju wiehed ghandu jiddesisti milli jaghmel tali manuvra, stante li l-prudenza hija l-bazi tas-sewqan regolat u responsabbli"*.

Illi it-trattament taz-zewg manuvri fuq deskritti, cioe' il-manuvra ta' sorpass u l-manuvra ta' ksur lejn il-lemin gew ikkunsidrati fis-sentenza **"Jurgen W. Dobler vs Anthony Caruana"** (A.C. 5 ta' Ottubru 1998) fejn inghad illi:-

*"Il-gurisprudenza konstanti tal-Qrati taghna tat precedenza f'dawn it-tipi ta' kollizzjonijiet lil dak li jkun qed jissorpassa. Il-Qorti rriteniet diversi drabi illi f'kazijiet bhal dawn in ezami il-preponderanza ta' probabilita' hija illi s-sewwieq li kien qed jikser lejn il-lemin ikun qasam ir-rotta ('cut across the path') tas-sewwieq li jkun qed jissorpassah minghajr ma jkun ta 'adequate warning' ".*

Illi fil-fatt l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell iccitat lil **Buchanan - *"Laibility in Motor Cases"*** fejn hemm miktub li:-

*"In cases of collisions between right turning and overtaking, it is first of all necessary to have regard to the duties of the right-turning motorist;*

*Early decisions tended to consider that all the turning motorist was required to do was to give a clear indication to the following motorists of his intention' As regulations requiring a motorist to have a clear view through his rear-view mirror of following traffic became stricter, it became the duty of the driver to keep a look-out both in front and behind. He no longer complies with his duty unless, giving the turning signal, he takes reasonable steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal, which, it is submitted, boils down to taking reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn".*

Illi dawn il-principji gew sewgiti mill-gurisprudenza nostrali fosthom fis-sentenzi **"F. Clarke vs C. Aquilina"** (P.A. 6 ta' Dicembru 1977); **"A. Sciberras vs C. Zammit"** (P.A. 13 ta' Lulju 1978); **"E. Azzopardi vs L. McCarthy"** (P.A. 20 ta' Settembru 1978); **"E. Deguara vs J. Mallia"** (P.A. 25 ta' Jannar 1983); **"C. Gendrex vs J. Vassallo"** (P.A. 15 ta' Jannar 1988); **"T. Duca vs E. Mifsud"** (P.A. 15 ta' Gunju 1988).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-attrici ghalkemm sostniet li hija kienet xeghlet l-*indicator* tal-lemin, skond hija ferm qabel fejn kien behsiebha ddur lejn il-lemin, (fatt li almenu ma giex ikkonfermat mill-konvenut), u anke esplorat it-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, hija fil-fatt ammettiet li ghat-traffiku li kien gej wara ma harsitx. In effetti fis-seduta tal-14 ta' Lulju 1997 quddiem l-istess perit legali sostniet li:

*"Jiena ndunjat bil-mutur l-ewwel darba mal-habta. Nispjega li jien kien jinteressani minn dawk il-vetturi li kienu gejjin mill-faccata. Ghalhekk warajja ma haristx. Wara kollox fuq ix-xellug tieghi kien hemm spazju bizzejjed biex min ried jaqla jghaddi minn hemm".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, (apparti dak kollu li kkumenta gustament l-istess espert legali fuq tali nuqqas tal-istess attrici u din il-Qorti taddotah u taghmlu taghha u partikolarment ghall-paragrafi 36, 35 u 37 tar-relazzjoni peritali), din hija ammissjoni serja da parte tal-istess attrici u fil-fatt hija awto-inkolpazzjoni, stante li hija qed fil-fatt tirrikonoxxi li hija ma zammitx *"a proper look out"* u qabdet u bdiet taqsam it-triq minghajr ma hadet il-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex taccerta ruhha li hija tista' taghmel l-istess manuvra minghajr ma tohloq ostakolu lit-traffiku li kien gej mid-direzzjoni taghha u qed isegwi lilha. Certament li tali manuvra tal-attrici kienet principalment ghalkemm mhux esklussivament il-kawza prossima tal-incident anke ghaliex hija naqset li tara dak li in verita' u

fic-cirkostanzi tal-kaz kien qieghed *"in plain view",* u ghalhekk il-kummenti tal-istess perit legali dwar is-sewqan irresponsabbli taghha kienu verament f'waqthom, anke ghaliex tali sewqan kien kontra l-principji kollha fuq enuncjati u applikabbli ghall-ksur fuq il-lemin bi prudenza.

Illi min-naha l-ohra ma jistax jinghad li l-istess konvenut ma kkontribwixxiex ghall-istess incident ghaliex huwa kien ghaddej fi triq dritta u setgha jinnota is-sewqan tal-attrici f'nofs l-istess triq u wkoll peress li huwa ghazel li jaghmel is-sorpass proprju fil-post uniku fl-istess triq fejn setgha jsir *'right turning'* ghall-fabbrika ta' Agius Marble Works, tant li fl-istess triq l-*continuous white line* jinsab miksur proprju fl-istess post  fejn il-konvenut kien qed jaghmel *overtaking.* Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-konvenut, li kien qed jinnota wkoll ir-rallentar tal-karozza attrici, kien messu qaghad lura u ghamel is-sorpass biss meta kien prudenti u *safe to do so*.

Illi fil-fatt fis-sentenza ***"Angelo Giordmaina vs Silvio Coleiro"*** (P.A. (GV) 27 ta' Gunju 1995) inghad li l-konvenut *"kien obbligat li ma jaghmilx il-manuvra ta' sorpass qabel ma jaccerta ruhu li kien jista' jaghmel din il-manuvra, jibdiha w itemmha, minghajr perikolu ghalih u ghal haddiehor. It-tort tal-konvenut izda ma kienx gravi daqs tal-attur li kien qed jikser il-'flow of traffic'".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Selagh Zahra *et* vs Mario Cassar"** (A.C. 5 ta' Ottubru 1998 - LXXXII.ii.892) fejn inghad illi:

*"L-attrici setghet qabzet il-linja medjana b'parti biss mill-vettura taghha waqt li kienet qed taghmel il-manuvra ta' sorpass … … … kollox jindika li sakemm it-traffiku jzomm id-direzzjoni li kien qieghed isuq fiha fil-mument tas-sorpass, l-attrici setghet ittemm il-manuvra taghha b'sigurta' u bla perikolu … … Pero' l-Qorti ssib kontributorjeta' fis-sewqan ta' l-attrici fic-cirkostanza illi hija ttantat taghmel il-manuvra ta' sorpass fil-punt tat-triq fejn effettivament ghamlitha u cioe` waqt li kienet qed tavvicina 'junction' ".*

Illi abbazi ta' dawn il-principji l-istess perit legali f'paragrafu 41 tar-relazzjoni tieghu sostna li *"l-htija kontributorja tal-konvenut hija fondata fil-fatt li fic-cirkostanzi naqas mill-prudenza rikjesta minnu li jipprevedi li dik il-vettura li kellu quddiemu mill-mod kif kienet qed tinsaq, forsi anke mill-indicator li seta' kellha mixghul, dik l-istess vettura setghet tibdel ir-rotta taghha proprju waqt li hu kien qed jaghmel is-sorpass. Il-Highway Code jghid li 'In doubt - hold back' (Regolament 74) u 'never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself or others' (Regolament 71)".*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess u peress li jirrizilta li hemm konkors ta' htijiet tal-partijiet, din il-Qorti thoss li l-attrici ghandha tinzamm responsabbli fil-kwota ta' zewg terzi (⅔) ghall-istess incident u l-konvenut jassumi t-tort ta' terz (⅓) tal-kollizzjoni medesima.

## (B) LIKWIDAZZJONI.

Illi l-istess Qorti taqbel mal-ammont ta' danni li soffriet il-karozza attrici skond il-paragrafi 43 sa 48 tal-relazzjoni attrici, li din il-Qorti taddotahom u taghmilhom taghha, u ghalhekk l-ammont ta' hsarat sofferti fil-karozza attrici inkluz l-uzu ta' karozza ohra jammontaw ghall-Lm337.38, u jidher li l-istess tiswijiet u kiri sar skond *survey report* ta' John Callus li ma huwiex kontradett mill-konvenut, u ghalhekk abbazi tar-responsabilita' tal-konvenut fuq indikata, l-konvenut ghandu jigi tenut ihallas terz (⅓) mill-istess ammont ta' Lm337.38 cioe' l-ammont ta' Lm112.46.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenut fis-sens li l-attrici ghandha tinzamm responsabbli fil-grad ta' zewg terzi (⅔) ghall-incident *de quo,* **tilqa' t-talbiet attrici** limitatament ghall-grad ta' terz (⅓) fir-resposabilita' tal-konvenut, b'dan li tiddikjara li z-zewg partijiet kienu responsabbli ghall-incident tat-23 ta' Jannar 1996 f'Valletta Road, Mqabba, l-attrici fil-grad ta' zewg terzi (⅔) u l-konvenut fil-grad ta' terz (⅓) u ghalhekk :-

(1) Tiddikajara lill-konvenut responsabbli fil-grad ta' terz (⅓) ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi li gara fit-23 ta' Jannar 1996, f'Valletta Road. Mqabba.

(2) Tillikwida d-danni sofferi mill-attrici li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut fl-ammont ta' mija u tnax-il lira u sitta u erbghin centezmu (Lm112.46).

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat ta' mija u tnax-il lira u sitta u erbghin centezmu (Lm112.46) .

Illi l-ispejjez tal-kawza inkluzi dawk tal-ittra legali tat-2 ta' Frar 1996, u tar-relazzjoni peritali ghandhom jithallsu kwantu ghall-zewg terzi (⅔) mill-attrici u terz (⅓) ghall-konvenut

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Ottubru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru 2001.**